# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 21 ta' Jannar, 2002**

**Numru**

**Avviz numru: 988/01mm**

**Stones Hotels Limited**

**vs**

**Incoming Travel Bureau Limited**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' erbghat elef, tliet mija u sitta u tletin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm4336.50) ammont dovut ghal servizzi rezi mis-socjeta'

attrici lis-socjeta' konvenuta fuq inkarigu w istruzzjonijiet tas-socjeta' konvenuta ai termini tal-invoices gja fil-pussess tas-socjeta' konvenuta.

Bl-imghax mit-8 ta'Awissu, 2001, u bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra legali tal-31 ta' Ottubru, 2001, u tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment mal-prezentata ta' l-Avviz, kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fis-17 ta' Jannar, 2002, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.